# ĠEJ IL-MILIED

Kliem u Mużika ta' Michael Piscopo

Ġej il-Milied
Hemm stilla kbira kollha dija
Fis-smewwiet
Tfakkar fil-miġja tal-Messija
Mhux ta' b'xejn illi nħossuna ferħanin
Għaliex f'dan il-jum kien twieled il-Bambin.

Ġej il-Milied
Is-siġra mżejna b'mod speċjali
U diġà bdiet
Titħejja l-lista tar-rigali
Min kien veru bravu forsi jaqla' tnejn
U min kien imqareb forsi jibqa' b'xejn.

Min jaf x'se nsib la nqum
Forsi tigra jew iljun
Forsi logħba tal-kompjuter jew ballun
Ma jimporta xejn
Għaliex naf li fejn
Hemm l-imħabba xorta hieni ser inkun.

Ġej il-Milied
U l-atmosfera ssir sabiħa
Korijiet
Tisma' jkantaw għanjiet ferrieħa
Min ikanta *Silent Night* u min *Noel*
U min jippreferi jkanta *Jingle Bell.*

Ġej il-Milied
Bid-dwal iteptpu u bil-fjuri
D-dar imtliet
Anke presepju bil-pasturi
Baqra u ħmara, il-Madonna u San Ġużepp
Waqt li fuq ir-radju d-diska taqleb *rap...*

*(Rap)*

*Ġej il-Milied. Ġej il-Milied.*
*Ninsew il-piki, ninsew il-ġlied*
*Ħa nagħtu l-id tal-paċi 'l xulxin*
*Għax hekk jixtieqna Ġesù Bambin*
*Abjad jew iswed, aħmar jew blu*
*M'hemmx differenza lkoll aħwa f'dal-jum.*

Min jaf x'se nsib la nqum
Forsi tigra jew iljun
Forsi logħba tal-kompjuter jew ballun
Ma jimporta xejn
Għaliex naf li fejn
Hemm l-imħabba xorta hieni ser inkun.

Ġej il-Milied
U fuq is-slitta Santa Klaws
Idur l-ibliet
Ma' *Peter Pan* u *Mickey Mouse*
Ifakkruna illi m'hemmx isbaħ rigal
Milli tara l-ferħ ġenwin fuq wiċċ it-tfal.

Ġej... il-... Mi... lied
*- Ġej il-Milied*
U fuq is-slitta Santa Klaws
Idur l-ibliet
*- Idur l-Ibliet*
Ma' *Peter Pan* u *Mickey Mouse*
Ifakkruna illi m'hemmx isbaħ rigal
Milli tara l-ferħ ġenwin fuq wiċċ it-tfal
*- Fuq wiċċ it-tfal*
Milli tara l-ferħ ġenwin fuq wiċċ it-tfal
*- Fuq wiċċ it-tfal*
Milli tara l-ferħ ġenwin... fuq wiċċ it-tfal.

*Merry Christmas!!*

02/11/2013